# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

## IMĦALLEF

## ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 26 ta' Settembru, 2019**

**Kawża Numru 21**

**Rik. Nru. 791/19JRM**

Fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 927/2019 fl-ismijiet:

Annette **MEIER**

vs

Speranza **GATT**, Joseph Gatt, Carmelo Gatt, Miriam Gatt, Philip Gatt, Paul Gatt, Alexandra Caruana u William Gatt

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fid-9 ta' Awwissu, 2019, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, ir-rikorrenti eżekutati Gatt (minn issa 'l hemm imsejħin "l-eżekutati") talbu li din il-Qorti tħassar il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv maħruġ kontrihom fit-2 ta' Awwissu, 2019, fuq talba tal-intimata eżekutant Annette

Meier (minn issa 'l hemm imsejħa l-"eżekutanti") dwar spejjeż ġudizzjarji b'rabta ma' sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-14 ta' Marzu, 2019, li saret ġudikat[1], wara li taqta' u tiddeċiedi (i) li l-allegat titolu eżekuttiv inħareġ xjentement, malizzjożament u dolożament apposta b'mala fidi u dan b'abbuż tas-sistema legali ta' Malta u bil-għan li jiddefrodahom ilkoll; (ii) li l-eżekutanti ma jistħoqqilhiex aktar min-nofs tal-ammont ta' spejjeż mitluba fil-Mandat; (iii) li l-eżekutanti ħarġet il-Mandat b'ħażen u b'mala fidi; (iv) li tordna lill-eżekutanti tħallashom id-danni li ġarrbu minħabba l-ħruġ abbużiv tal-Mandat; (v) li toħroġ "*contrario imperio*" l-Kontro-Mandat opportun; u (vi) f'kull każ, toħroġ ukoll l-opportun Kontro-Mandat ladarba humja iddepożitaw nofs ($^1/_2$) l-ammont mitlub fil-Mandat permezz ta' Ċedola taħt l-awtorità tal-Qorti[2];

Rat id-degrieti tagħha li bihom ordnat in-notifika lill-eżekutanti wara l-ħinijiet legali u wkoll bil-meżż tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni;

Semgħet id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat maħtur mill-eżekutanti waqt is-smigħ tas-17 ta' Settembru, 2019[3], li biha laqa' formalment in-notifika tal-atti u talab li l-Qorti tħallih iressaq Tweġiba għar-rikors tal-eżekutati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-eżekutanti li biha, u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għat-talbiet tal-eżekutati billi qalet li r-raġunijiet imsemmija minnhom ma jistgħu jwasslu qatt għat-tħassir tal-Mandat, u jekk l-eżekutati għandhom tabilħaqq xi lment dwar iċ-ċirkostanzi li fihom ingħatat is-sentenza li ħalqet it-titolu eżekuttiv, dawn iridu jfittxu r-rimedju bi proċeduri oħra, imma mhux b'din li tipprova twaqqa' l-Mandat;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tar-rikors, u kif ukoll dawk tal-Mandat eżekuttiv li għalih jirreferi;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Settembru, 2019, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għall-provvediment;

[1] Ċitazz. Nru. 883/90AF fil-kawża fl-ismijiet ***Ignatius Gatt vs Franco Facchetti et***
[2] Ċed. Nru. 1474/19 tad-9.8.2019, Dok "CG1", f'paġġ. 7 – 11 tal-atti
[3] Paġ. 38 tal-atti

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal tħassir ta' Mandat esekuttiv maħruġ kontra l-eżekutati, għaliex jgħidu li t-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu nħareġ il-Mandat inħalaq "inġustament" u għalhekk hemm raġunijiet tajbin biex il-Mandat jitħassar;

Illi, min-naħa tagħha, l-intimata eżekutanti twarrab għal kollox l-allegazzjonijiet u l-ilmenti tal-eżekutati u tgħid li ma hemm l-ebda raġuni għaliex din il-Qorti għandha tilqa' xi waħda mit-talbiet magħmulin minnhom;

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti ewlenin marbutin mal-każ jirriżulta li b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-14 ta' Marzu, 2019[4], it-talbiet tal-atturi (li huma l-eżekutati) ma ntlaqgħux u kienu ikkundannati wkoll iħallsu l-ispejjeż tal-kawża. Minn dik is-sentenza ma sarx appell. L-eżekutati jgħidu li dan ma sarx għaliex, meta ngħatat is-sentenza, ma kinux jafu li kellha tingħata dakinhar, minħabba li kienu ngħataw data oħra wara dakinhar li fiha kellha tingħata;

Illi b'ittra mibgħuta mill-avukat tal-eżekutanti fil-21 ta' Mejju, 2019[5], l-eżekutati ntalbu jħallsu l-ispejjeż tal-kawża;

Illi fil-15 ta' Lulju, 2019, l-eżekutanti ressqet rikors għall-ħruġ tal-Mandat. Madankollu, dan l-att kien sostitwit u reġa' tressaq, bit-tiswija meħtieġa, fit-2 ta' Awwissu, 2019[6], u nħareġ b'degriet mogħti dakinhar stess. Il-Mandat inħareġ għas-somma ta' ħamest elef sitt mija u wieħed u sittin euro u tmenin ċenteżmi (€ 5,661.80) bħala spejjeż u drittijiet legali marbutin mal-imsemmija sentenza u li, dwar erbat elef sitt mija u wieħed u għoxrin euro u erbgħa u sittin ċenteżmi (€ 4,621.64) minnhom jirreferu għas-spejjeż ġudizzjarji kif maħruġa f'taxxa mehmuża mal-istess Mandat; tmien mija u sittax-il euro u żewġ ċenteżmi (€ 816.02) jirrappreżentaw Taxxa fuq il-Valur Miżjud dwar l-imsemmija spejjeż; mija u disgħin euro u sitta u sittin ċenteżmi (€ 190.66) bħala spejjeż u drittijiet skond taxxa uffiċjali marbuta mal-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni; u kwantu għat-tlieta u tletin euro u tmienja u erbgħin ċenteżmi (€ 33.48) l-oħrajn jirrappreżentaw Taxxa fuq il-Valur Miżjud b'rabta mal-imsemmija taxxa uffiċjali. Fil-Mandat, l-eżekutanti indikat disa' (9) sekwestratarji, fosthom lid-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali. Sal-waqt li

[4] Dok "AM3" mehmuż mal-atti tal-Mandat
[5] Dok "AM1" f'paġ. 37 tal-atti
[6] Dok f'paġġ. 12 – 9 tal-atti

qiegħed jingħata dan il-provvediment, ma jirriżultax li xiħadd mis-sekwestratarji notifikati iddepożita xi flejjes taħt l-awtorità tal-Qorti minħabba fil-Mandat;

Illi fid-9 ta' Awwissu, 2019, l-eżekutati idepożitaw b'Ċedola nofs is-somma mitluba fil-Mandat u dakinhar fetħu din il-proċedura;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ din il-Qorti jidhrilha li għandha, qabel kull kunsiderazzjoni oħra, tindirizza l-preġudizzjali preliminari mqajma mill-eżekutanti dwar jekk din il-Qorti għandhiex tagħti l-provvediment tallum. Dan tgħidu fid-dawl li l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 li taħtu tressaq ir-rikors tallum jgħid li l-Qorti li quddiemha jitressaq rikors bħal dak trid tiddeċiedi "mhux aktar tard minn perjodu ta' xahar mill-jum tal-preżentata"[7]. Hija tgħid li dan it-terminu huwa ġudizzjali u għalhekk ta' ordni pubbliku u, ladarba l-Qorti għalqilha ż-żmien hekk stabbilit, imissha tastjeni milli tqis ir-rikors;

Illi l-Qorti taqbel għal kollox mal-prinċipji msemmija mill-eżekutanti dwar l-effikaċja u l-effetti ta' termini stabbiliti mil-liġi proċedurali biex jiżguraw tmexxija f'waqtha tal-proċediment. Madankollu, fil-każ tallum, din il-Qorti ma kinitx f'qagħda li tagħmel dan bla ma ġġarrab ħsara lill-istess eżekutanti li kieku hija għażlet li tagħti l-provvediment qabel ma tkun saret in-notifika lill-istess eżekutanti, għaliex, fin-nuqqas ta' oppożizzjoni, l-liġi torbot lill-Qorti li tilqa' t-talba għat-tħassir tal-Mandat li jkun[8]. Il-liġi wkoll[9] jidher li tipprovdi f'termini mandatarji (tuża l-kelma "għandu") li qorti ma tistax tgħaddi biex tipprovdi dwar talba għal tħassir ta' Mandat eżekuttiv qabel ma tkun saret in-notifika lill-persuna li fuq talba tagħha jkun inħareġ dak il-Mandat;

Illi dan qiegħed jingħad għaliex, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, għalkemm din il-proċedura tressqet fid-9 ta' Awwissu, l-eżekutanti laqgħet formalment in-notifika tar-rikors fis-17 ta' Settembru (jiġifieri żmien wara l-għeluq tat-tletin jum);

Illi l-Qorti hija tal-fehma sħiħa li billi tastjeni milli tqis it-talba, tkun qiegħda tfarfar minn fuqha obbligu ieħor tagħha ta' ordni pubbliku li huwa dak li tindirizza talbiet li jkunu tressqu quddiemha u li taqtagħhom. Bl-astensjoni, ħadd ma jieħu xejn u dan inissel biss proċeduri oħrajn u nfiq ta' spejjeż żejda bi proċeduri mtennija. Dan kien għal xi żmien jiġri wkoll fil-qasam tal-ħruġ tal-Mandati ta' Inibizzjoni, fejn il-liġi wkoll kienet torbot il-ħruġ ta' Mandat bħal

[7] Art. 281(3) tal-Kap 12
[8] *Proviso* tal-art. 281(2) tal-Kap 12
[9] Art. 281(2) tal-kap 12

dak ma' terminu li kien jibda minn dakinhar li jitressaq ir-rikors u mhux ma' meta kien ikun notifikat. Minħabba l-problemi komuni li tabilfors bdew jinqalgħu minħabba diffikultajiet marbuta ma' nuqqas ta' notifiki, il-leġislatur kien biddel il-liġi biex jorbot l-imsemmi terminu, għall-anqas, mal-jum li fih tkun saret in-notifika[10]. Jixraq li l-leġislatur jikkunsidra b'serjetà emenda xierqa f'dan is-sens fl-artikolu 281 ukoll;

Illi għal dak li jirrigwarda l-mertu tar-rikors, din il-Qorti diġà wriet, f'deċiżjonijiet oħrajn li hija tat qabel din tal-lum, li hija tal-fehma li l-għan li għalih iddaħħlet il-proċedura taħt l-artikolu 281 fil-Kodiċi tal-Proċedura huwa marbut ma' xi għelt jew nuqqas fl-att eżekuttiv innifsu, li, bis-saħħa tiegħu, il-parti eżekutata tbati preġudizzju u dan billi jsir eżami formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir[11]. Il-Qorti tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat ikunu tħarsu u jkunu jidhru mill-att eżekuttiv innifsu, u li dak il-Mandat ma jkunx inħareġ b'mod abbużiv[12]. Għalhekk ma kinitx il-fehma tal-leġislatur li din il-proċedura tintuża biex il-Mandat jew att eżekuttiv ieħor jiġi attakkat jew imħassar għal raġunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-saħħa tiegħu, l-istess att eżekuttiv ikun inħareġ[13]. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jagħmluha ċara li r-rimedju mogħti lir-rikorrent jingħata bla ħsara għal kull jedd ieħor taħt l-istess Kodiċi jew xi liġi oħra;

Illi, in ġenerali, jista' jingħad li Mandat jista' biss jiġi attakkat kemm-il darba jkun inħareġ minn Qorti żbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma[14]. Meta l-liġi riedet tfisser f'liema ċirkostanzi jista' jintalab il-ħruġ ta' Kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b'reqqa, per eżempju, fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu ta' l-kawża preżenti mhuwiex Mandat kawtelatorju;

Illi l-istħarriġ li din il-Qorti trid tagħmel dwar it-talba mressqa quddiemha għandu jkun wieħed fil-parametri stretti tal-azzjoni kif proposta. Xogħol il-Qorti f'din il-proċedura huwa li tara li tagħmel ħaqq mal-partijiet għaliex wara kollox, fi proċedura bħal din, ikun hemm dejjem xi titolu eżekuttiv (bħal sentenza, taxxa ġudizzjarja jew kuntratt) li minnu nnifsu jkun stabilixxa l-mertu tal-kwestjoni. Din il-Qorti, fl-istħarriġ li jmissha tagħmel fi proċedura bħal din, ma tinbidilx f'Qorti ta' reviżjoni ulterjuri tal-ilmenti fil-mertu dwar it-titolu li jkun;

---

[10] Art. 875(3) tal-Kap 12 kif emendat bl-Att XV tal-2008

[11] App. Inf. PS **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Awtorita' Marittima ta' Malta vs Polidano Brothers Ltd***

[12] Ara P.A. GV **19.11.2008** fl-atti tar-rikors fl-ismijiet ***Kummissarju VAT vs Mark Grima et noe et***

[13] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **1.12.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Briffa vs Stones Properties Ltd. noe*** (Kollez. Vol: **LXXXIV.ii.1401**) u App. Ċiv. **25.5.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***K.T.I. vs Serge*** (Kolleż. Vol: **LXXXV.ii.414**)

[14] P.A. AJM **14.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Spiteri vs Anthony Perry et*** (degriet interlokutorju) u P.A. LSO **15.4.2014** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr Carmel Chircop vs Louis Farruġia*** (mhux appellat)

Illi, b'żieda ma' dan, l-azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 281 tgħodd fejn issir talba għat-tħassir, għal kollox jew f'parti minnu, tal-att eżekuttiv, u mhux tas-sospensjoni tal-effetti tiegħu[15];

Illi għalhekk din il-Qorti għandha toqgħod b'seba' għajnejn biex ma tħallix kwestjoni dwar Mandat maħruġ minn Qorti tinbidel fi kwestjoni ta' ftuħ mill-ġdid tal-mertu jew billi tħalli li jiddaħħlu fin-nofs kwestjonijiet oħrajn li jista' jkun hemm bejn il-partijiet involuti f'dak il-Mandat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li l-mottiv li jkun wassal lil xi ħadd biex jitlob il-ħruġ ta' Mandat m'għandux, bħala regola, ikun raġuni biex il-Qorti tistħarreġ is-siwi tiegħu. Dan jingħad aktar u aktar fejn il-Mandat ikun wieħed eżekuttiv, imsejjes fuq titolu li jkun eżegwibbli;

Illi l-Qorti tagħraf li, madankollu, fil-qafas ta' dak li ngħad aktar qabel, biex jista' jinħareġ att eżekuttiv, irid tabilfors ikun hemm titolu eżekuttiv. Għalhekk, l-eżekuttività (b'distinzjoni mis-siwi tal-mertu tiegħu) tat-titolu trid tirriżulta biex wieħed jista' jqis is-siwi tal-att eżekuttiv li jintalab bis-saħħa tiegħu[16]. Kemm hu hekk, f'dawn l-aħħar żminijiet, ingħad ukoll li n-nuqqas ta' eżistenza ta' titolu eżekuttiv ukoll taqa' fil-parametri tal-istħarriġ dwar "raġuni tajba" li qorti tista' tintalab tagħmel f'azzjoni mibdija taħt l-artikolu 281 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[17]. Madankollu, jibqa' l-fatt ukoll li dawn il-kwestjonijiet iridu jitħaddmu fil-qafas tar-regola li ma huwa mogħti lil ħadd il-jedd li jopponi għall-eżekuzzjoni ta' mandat, ħlief wara li tkun saret l-eżekuzzjoni[18];

Illi l-eżekutati jressqu żewġ kawżali li fuqhom isejsu din l-azzjoni tagħhom: l-ewwel waħda hija l-kontestazzjoni tat-titolu eżekuttiv li bis-saħħa tiegħu ntalab u nħareġ il-Mandat; filwaqt li t-tieni waħda tirrigwarda l-qsim tal-ispejjeż taxxati;

Illi dwar l-<u>ewwel kawżali</u> jingħad li l-eżekutati jqanqlu l-kwestjoni tas-siwi tas-sentenza li ngħatat u li l-eżekutanti qiegħda teżegwixxi. Ir-raġunijiet li l-eżekutati jagħtu biex isaħħu l-fehma tagħhom hija li dik is-sentenza ngħatat bla ma kienu jafu li se tingħata dakinhar u laħaq għalaq iż-żmien biex jappellaw minnha qabel ma ntebħu li kienet ingħatat;

Illi, lil hinn minn kull aggravju li l-eżekutati jista' jkollhom dwar iċ-ċirkostanzi li wasslu għall-għoti tas-sentenza msemmija, jibqa' l-fatt li dik is-sentenza

---

[15] Ara, b'eżempju, P.A. AJM **5.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Terranet Ltd vs Linknet Ltd. et***; u App. Ċiv. **5.2.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Persiano et vs Persiano*** (Kollez. Vol: **LXXXVI.ii.257**)
[16] Ara Maġ. GV **12.4.2012** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Isabella Ċilia vs Robert Ċilia***
[17] App. Ċiv. **8.2.2019** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Dr Marlon Borġ noe vs MV Bright Star et***
[18] Art. 276 tal-Kap 12

sallum tikkostitwixxi ġudikat u wkoll titolu eżekuttiv[19]. Jekk l-eżekutati, kif qalu, iridu jirregolaw irwieħhom bi proċeduri meħtieġa biex iġibu dikjarazzjoni minn qorti dwar is-siwi tal-imsemmija sentenza, dan jistgħu jagħmluh bla ebda xkiel, imma sadattant dan ma jnaqqas xejn mis-saħħa eżekuttiva tal-imsemmija sentenza. Minbarra dan, ir-raġunijiet li jsemmu l-eżekutati biex jattakkaw dak it-titolu jmorru lil hinn mill-istħarriġ li din il-Qorti tista' jew mistennija tagħmel fi proċedura bħal din li għandha quddiemha;

Illi l-Mandat inħareġ fuq is-saħħa ta' dik is-sentenza u għaldaqstant ma hemm l-ebda raġuni għalfejn din il-Qorti jmissha ssib xi nuqqas fl-eżekuttività tagħha;

Illi minħabba f'hekk il-Qorti ssib li l-eżekutati ma seħħilhomx jagħtuha raġuni tajba biex tordna t-tħassir tal-Mandat taħt din il-kawżali;

Illi dwar it-tieni kawżali, il-Qorti tgħid li t-talba tal-ammont magħmula mill-eżekutanti fil-Mandat tirrigwarda l-ammont taxxat lilha b'rabta mal-istess sentenza (u li kopja tagħha tinsab mehmuża mal-atti tal-Mandat bħala Dok "AM1"). L-ammont mitlub jaqbel preċiż mal-ammont taxxat. Dwar dan, hija kienet interpellat bonarjament lill-eżekutanti għall-ħlas, qabel ma għaddiet biex talbet il-ħruġ tal-Mandat. Fis-sewwa, l-eżekutanti lanqas jikkontestaw il-mod kif inħadmet it-taxxa tal-ispejjeż ġudizzjarji. Il-kontestazzjoni tagħhom jidher li hi – u dan jirriżulta wkoll minn dak li jsemmu fiċ-ċedola ta' depożitu tagħhom – li l-ammont taxxat mitlub fil-Mandat imissu jinqasam bejn l-eżekutanti u intimat ieħor fl-imsemmija kawża (Adrien Jonathan Facchetti);

Illi l-Qorti tgħid mill-ewwel li minn dak li joħroġ mill-atti u mis-sottomissjonijiet li saru quddiemha, dan l-ilment ma huwiex mistħoqq u żgur ma jikkostitwix "raġuni valida skond il-liġi" li jwassal għat-tħassir tal-Mandat. Id-dritt li dwaru nħareġ il-Mandat jidher li huwa dak li, fit-taxxa ġudizzjarja, jaqa' taħt l-intestatura "Konvenut – Joseph Facchetti", u ma huwa qiegħed jintalab xejn anqas u xejn iżjed minn hekk. L-eżekutanti daħlet fil-kawża f'Ġunju tal-2016 għaliex hi (flimkien mal-imsemmi Adrien Jonathan Facchetti) assumiet l-atti tal-kawża minflok l-imħarrek Joseph Facchetti. Il-fatt li kienu żewġ persuni li assumew l-atti f'isem xi parti li tkun ġiet nieqsa fil-mori tal-kawża jikkostitwixxi kwestjoni interna bejniethom dwar l-eventwali qsim jew spartizzjoni tal-ispejjeż u d-drittijiet tal-avukati li qabbdu għal rashom. Madankollu, din il-Qorti hija tal-fehma li l-eżekutati la setgħu jaqbdu arbitrarjament "jaqsmu" d-drittijiet u spejjeż bejn iż-żewġ kontro-parti tagħhom

[19] Art. 253(a) tal-Kap 12

fil-kawża kif jidhrilhom huma, u lanqas jistgħu jgħidu li, bl-aċċettazzjoni tad-dritt taxxat dwar "Joseph Facchetti", se jkunu passibbli għall-ħlas ta' dak id-dritt darbtejn. Hekk kif jissaldaw dak id-dritt, ikunu wettqu l-obbligazzjoni ta' ħlas imposta minnhom fis-sentenza fil-konfront ta' min kien qiegħed jidher għall-imħarrek "Joseph Facchetti" għaliex dik il-parti tat-taxxa nħarġet biex tirrappreżenta d-drittijiet li l-istess imħarrek kien intitolat li jiġbor kieku baqa' ħaj sa dakinhar li ngħatat is-sentenza;

Illi għalhekk, lanqas b'din il-kawżali ma ngħatat lill-Qorti raġuni tajba biżżejjed mill-eżekutati biex tasal li tordna t-tħassir tal-Mandat imqar f'parti minnu;

Illi l-eżekutati ressqu bosta talbiet oħrajn li mhuwiex f'posthom fi proċedura bħal din tallum u l-Qorti ma għandhiex għalfejn toqgħod tidħol fihom. Taqbel mas-sottomissjonijiet tal-eżekutanti u tagħmilhom tagħha. Iżżid tgħid biss li l-malafidi li biha jixlu lill-eżekutanti meta talbet il-ħruġ tal-Mandat ma toħroġx żgur mad-daqqa t'għajn u l-Qorti ma tarax kif min ifittex il-jeddijiet tiegħu jista' jingħad li jkun qiegħed jagħmel dan b'ħażen jew b'abbuż tal-proċess ġudizzjarju;

Illi fl-aħħarnett, waqt it-trattazzjoni tar-rikors, id-difensur tal-eżekutati (li huwa wkoll wieħed mill-istess eżekutati) qajjem il-kwestjoni li l-Mandat tressaq quddiem Qorti ħażina minħabba li l-ammont sħiħ tat-taxxa ma jilħaqx il-valur ta' ħwejjeġ li din il-Qorti tista' tisma' *ratione valoris*. Din il-Qorti ma ssibx li dan l-argument huwa tajjeb. Fl-ewwel lok, tgħid hekk għaliex dan l-ilment ma kien imsemmi bl-ebda mod fir-rikors li bih l-eżekutati fetħu din il-proċedura. Fit-tieni lok, għaliex il-Mandat inħareġ biex jeżegwixxi sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) u l-liġi nnifisha tipprovdi b'mod ċar f'dan ir-rigward[20]. Fit-tielet lok, ir-riferenza li d-difensur għamel biex iseddaq l-argument tiegħu ma tgħoddx għall-każ tallum għaliex il-provvediment li irrefera għalih ingħata dwar taxxa maħruġa meta l-kawża kienet għadha miexja u ma kenitx għadha ngħatat sentenza li ħolqot titolu eżekuttiv;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

[20] Art. 264(1) tal-Kap 12

**Tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti** eżekutati għat-tħassir tal-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv numru 927/19 maħruġ kontrihom mill-intimata eżekutanti fit-2 ta' Awwissu, 2019, **bl-ispejjeż** kontra tagħhom.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**26 ta' Settembru, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**

**26 ta' Settembru, 2019**